IT-TIELET KTIEB — SETTEMBRU
TAD-DSATAX-IL SENA — 1943

# IL-MALTI

## QARI

LI TOħROĠ

**Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"**

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GħADD

| | |
|---|---|
| Editorjal—Il-Malti fl-Edukazzjoni | Faċċ. 49 |
| Rużar Briffa *Dwejjaq Missirijietna* | „ 51 |
| Vic. Apap—*Xemx ta' Settembru* | „ 52 |
| Ġużè Galea—*God save the King* | „ 53 |
| A. V Vassallo—*It-8 ta' Settembru—Londra, 1942,* | „ 59 |
| Dun Pawl—Wenzu jsib lil Luċija f'Lazzarett | „ 61 |
| Alb. M. Cassola—MDLXV | „ 67 |
| N. Biancardi—*Innijiet* | „ 69 |
| Brother Amedy—Insewwu l-iżbalji tagħna | „ 70 |
| E. Agius—*Air Raid* | „ 72 |

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | SETTEMBRU 1943

## IL-MALTI FL-EDUKAZZJONI

NIŻŻUĦAJR 'l Alla f'Malta qam interess kbir fl-Edukazzjoni tat-tfal. Ħafna qegħdin jitħaddtu, jiktbu fuqha u jistudjaw għaliex s'issa l-Edukazzjoni ma mxietx il quddiem. Min deherlu ħaġa u min ħaseb oħra; xi wħud waħħlu fil-Malti, għax, qalu, li l istudju ta' dan l-ilsien hu telf ta' żmien, ifixkel suġġetti oħra u jnissel f'moħħ it-tfal impurtanza żejda ta' Malta. Jekk irridu nkunu nafu r-raġunijiet kollha li għalihom l-Edukazzjoni f'Malta baqgħet lura jeħtieġ l-ewwelnett li naraw sewwa xinhija l-Edukazzjoni, fuq liema sisien għandha tinbena, x'jista' jfixkilha u min hu responsabbli għaliha.

L-Edukazzjoni hija t-tiswir tal-karattru tat-tfal billi tiżviluppalhom s-setgħat tagħhom intellettwali u morali kif ukoll dawk ix-xeħtiet kollha li hemm fin-natura tagħhom u hekk thejjihom biex jieħdu posthom fis-Soċjetà. It-tifel hu bniedem li għandu ruħ u ġisem, u huwa membru tal-familja, tan-nazzjon u tal-Knisja. L-edukazzjoni mela trid tkun imsejsa fuq: l-individwalità, il-ħajja familjari, in-nazzjonalità u r-Reliġjon tat-tfal; naqqas waħda minn dawn u jkollok Edukazzjoni difettuża.

Il-Malti għandu x'jaqsam ma' dik il-parti ta' Edukazzjoni Maltija li tqis it-tifel bħala membru tas-Soċjetà Maltija. Il-Malti jeħtieġ iservi biex fit-tfal titrawwem imħabba għal art twelidhom u għal dak kollu li

hu Malti u hekk jitnissel fihom karattru sod. Il-Malti huwa l-għaqda ta' bejnietna u bih irridu ninqdew biex nagħarfu u ngħallmu 'l xulxin. Bil-Malti, imsieħeb ma' l-Istorja ta' Artna, irridu nilqgħu kontra l-*inferiority complex* li qiegħed iherrilna minn taħt it-tradizzjonijiet, id-drawwiet u x-xejriet oħrajn Maltin.

L-importanza tas-suġġett hija oġġettiva u la tiċkien u lanqas tikber bil-għadd tas-sigħat li ndumu nitgħallmuh. Aktar ma suġġett ikun tqil u aktar ma trid tgħallmu sewwa aktar jeħtieġ żmien għalih. Jidhrilna li fl-iskejjel għandna nagħtu lill-Malti żmien meħtieġ biex it-tfal jitgħallmuh sewwa u jkunu jafu mhux biss jiktbuh bl-ortografija tagħna, imma jifhmuh u jħaddmuh bis-sengħa. L-aqwa ħaġa hija l-ispirtu ta' kooperazzjoni fit-tagħlim: jekk ikun hemm sinċerità, tattika, ħrara u għaqal f'min igħallmu, il-Malti ma jfixkilx 'l suġġetti oħra. L-esperjenza turina li tfal tajbin fil-Malti jkunu tajbin f'materji oħrajn ukoll. Il-Malti mhux il-ħtija li l-Edukazzjoni baqgħet lura; din il-ħtija jeħtieġ infittxuha xi mkien ieħor.

Il-fehma tagħna hija din: il-Malti flimkien ma' l-Istorja ta' Malta għandu jkollu sehem sewwa fl-Edukazzjoni tat-tfal Maltin, għax fil-waqt li suġġetti oħra, bħal ma hu l-Ingliż jorbtuna mad-dinja, il-Malti jgħaqqadna bejnietna; nagħtuh dak li ħaqqu u xejn aktar; dan li aħna dejjem ridna u dan nibqgħu nitolbu għax nafu li b'hekk biss tista' tinħoloq letteratura maltija li fiha tiġbor dak kollu li l-poplu Malti jħoss, irid u jixtieq, ħaġa li ma tista' ssir bl-ebda ilsien ieħor, inkunu nafuh kemm inkunu.

# DWEJJAQ MISSIRIJETNA

Lit-Tabib Ġużè Galea, wara li qrajt ir-Rumanz tiegħu "*Żmien l-Ispanjoli*".

Is-Sultan qiegħed ġo Spanja,
Lejl u nhar jaħseb għal ġlied,
Ma tilħaqx s'hemmhekk il-Karba,
Ta' l-ulied.

W il-Papa qiegħed Ruma,
Rasu tqila b'elf il-ħsieb;
Għax l-egħdewwa huma bosta,
Ftit il-ħbieb.

L-Isqof tagħna ġo Palermu
Qed jindieħes mal-Kbarat,
Anqas joħlom biss b'ta' Malta,
Il-ħsarat.

Il-Kbarat ħarbu Sqallija,
Intemm l-għana, waqa' s-skiet,
Miet ix-xogħol minn ta' l-għelieqi,
U tal-bliet.

Ta' Likata bagħtu jgħidu,
Illi l-qmuħ mhumiex ġejjin,
Sa l-iskejjen reġgħu vojta,
Misruqin.

Tas-Sultan il-Qaddej kburi
Ġo Sant'Anġlu qed jistrieħ,
Jekk il-but tal-Malti tqatta',
Tiegħu sħiħ.

Il-Maltin qegħdin ġo Malta,
W id-dieq ta' qalbhom kbir,
Min jistenna b'xortih Pesta,
Min Ilsir.

O San Rokku ħenn għalihom,
Tinsihomx o San Bastjan;
Reġgħu lura l-marda kiefra,
Ftit serħan.

Illi tbiegħed lill-Kursari,
  Jitolbuk o San Anard,
  W illi treġġa' l-ulied nieqsa,
  Ġo dil-Art.

W inti ommhom o Marija,
  O ħanina tinsihomx,
  F'hedan l-hemm, f'hedan in-niket,
  Tħallihomx.

6 ta' Frar 1943. RUŻAR BRIFFA

# XEMX TA' SETTEMBRU

Xemx ta' Settembru, l-isbaħ xemx sajfija,
  Naħseb li rajt fil-għodu kmieni, kmieni,
  Mill-Għira tagħna tielgħa bajda d-dija
  Ta' ġens qalbien li xerred demmu hieni;

Xemx ta' Settembru, meta kien fl-għaxija,
  Fost ħmura li tagħnik u qalb dawl fieni,
  Rajthiex sa fejnek tasal il-qlubija
  Tal-Malti, kbir, setgħan, għad li hu kieni?

Int taf il-ġrajja tal-maħluqa kollha,
  Taf min hu ħajjen u min hu li jbati:
  Għidli, għalhekk, għaliex lil Malta għolla

Min ħalaq kollox u ma' kollox jilħaq?
  Għaliex għamilha kbira w ċokon jagħti
  Lil min hu kbir fid-daqs u 'l għajru jisħaq?

VIC. APAP

# GOD SAVE THE KING

IS-SUR DWARD kien xjieħ igħallem l-iskola; nofs l-irġiel tal-belt fejn kien joqgħod kienu tħarrġu u tgħallmu jaqraw u jiktbu taħtu u warajhom laħqu wliedhom u wlied uliedhom, u s-Surmast bis-sabar u bil-ħerqa, sena wara l-oħra, baqa' dejjem igħallem it-tfal, jagħtihom id-dawl, iwissihom għall-ġid u jifthilhom moħhom. Hu kellu xeħta kbira biex igħallem bla ma jdejjaq it-tfal, kien jaf ifisser b'ħeffa kbira dawk id-diffikultajiet li t-tfal dejjem jeħlu fihom; kultant kien jinqeda bil-bastun biex ibażża' lit-tfal iżda qatt ma ħtieġlu jġegħelhom jitgħallmu bis-swat. L-iskulari kienu joqogħdulu ġwejdin u attenti għax is-Surmast kien jaf imurilhom, fil-klassi tiegħu ma kontx issib dik il-ħemda u dak is-skiet imqanqlin mill-biża' u d-dwejjaq qisek dħalt f'xi ħabs, iżda l-klassi tas-sur Dward kienet dejjem hienja u kuntenta, it-tfal dejjem wiċċhom għad-dawl u fuq ruħhom u s-Surmast qatt ma jkun imqit jew imgħaddab, hu kien jaf iżomm iebes fejn jeħtieġ, iżda ma kienx igħakkas bla raj, hu aktar kien irid li t-tfal jifhmuh milli jmelluh u għaldaqshekk daqqa jgħidilhom xi ħlieqa, xi drabi joħloq xi ċajta u ġew waqtiet jaqralhom xi ħrafa. Hekk il-ħin kien igħaddi bla tbatija u t-tfal ma joħorġux mill-iskola għajjenin u midbilin.

Is-sur Dward jew is-Surmast kif kienu jafuh in-nies kollha tal-belt tiegħu, kien bniedem li jaqdi dmirijietu bir-reqqa u bil-qalb, hu kien imħarreġ sewwa fis-sengħa tat-tagħlim imma kien iħabrek biex ma jibqax lura, kien dlonk ifittex li jkun jaf fuq il-progress fit tagħlim ħalli jkun jista' aħjar iħarreġ lill-iskulari; kien jinqala' fil-frieghi tal-għerf li jinħtiġulu biex iħarreġ sewwa l-iskulari tiegħu. Is-Surmast kien jaqdi d-dmir tiegħu bil-qalb u bil-ħrara kollha, iżda l-aktar li kien igħallem bil-qalb kien il-"*God save the King*". Hu kien jiddiletta bil-kant u kien iħobb igħallmu lit-tfal. It-tagħlim tal-kant fl-iskola kien imħolli fi ħsieb is-Sur Dward u hu ma kien irid lil ħadd jindaħallu; tliet darbiet fil-ġimgħa, wara nofs in-nhar, kien jiġbor it-tfal u joqgħod ifihemhom fuq noti akuti u baxxi, gorgeġġjar u timbru u armonija u fl-aħħar dejjem jispiċċa bil-kant tal-"*God save the King.*"

Danġ l-innu kien il-għaxqa ta' qalb is-Surmast, kien igħallmu bil-ħrara kollha u kien joħla jisma' t-tfal ikantawh

għax f'dak l-innu s-Sur Dward kien jara l-qawwa, is-setgħa u l-kobor tal-Kuruna Ingliża u l-ġibda, l-imħabba u l-qima lejn dik il-Kuruna ta' miljuni ta' nies ta' kull lewn, ta' kull ġens, ta' kull fehma mxerrdin ma' l-erbat irjieħ tad-dinja magħqudin flimkien f'imperu tal-għaġeb li bħalu d-dinja qatt ma rat.

Meta jisma' l-"*God save the King*" is-Surmast kien iħoss f'qalbu bħal tferfir ta' ferħ u ta' hena, u kien iħoss ruħu kburi li jagħmel sehem mix-xirka ħielsa u tal-ġieħ, immexxija mill-Kuruna Ingliża, u dak il-ferħ u dik il-hena li kien iġarrab hu, kien jara kif jagħmel biex iħeġġiġhom fi qlub l-iskulari. Hu kien ifissrilhom ir-rabta ta' mħabba li jmissha tgħaqqad ir-Re u n-nies tiegħu, kien ifiehmhom fuq il fedeltà sinċiera tas-sudditi kif wkoll fuq il-protezzjoni siewja tas-Suvran u kien igħallimhom kif kulħadd kellu d-dmir li jweġġah u jqim il-bniedem li s-Sema għoġbu jqiegħed bħala kap ewlieni biex imexxi lil kulħadd fit-triq tas-sewwa u tas-sliem.

Is-Surmast kien jiftaħar li hu qaddej fidil tas-Sultan, kien iħoss ġieh li jaħdem għall-Kuruna, fil-klassi tiegħu kellu mdendlin bosta xbihat tal-Familja Rjali, kien iħobb jirrakkonta lill-iskulari bċejjeċ mill-ħajjiet tas-slaten Ingliżi, għal isem ir-Re Ġorġ kien dejjem ineħħi l-kappell u nhar ta' Ħadd kien jisma' l-Quddiesa Kantata biex fl-aħħar iqum wieqaf u fuq ruħu jkanta mal-Qassisin "*Domine salvum fac Regem Nostrum Georgium*".

Il-ġibda li s-Surmast kellu għas-Sultan kienet tassew mill-qalb u mixgħulha bil-ħrara hekk li saħansitra t-tifla waħdenija li kellu semmieha Ġorġa bħar-Re tagħna.

Fil-belt kulħadd kien jaf lis-Surmast, in-nies kollha kienu jsellmulu, bosta kienu jfittxuh biex jiktbilhom xi ittra bl-Ingliż, jagħmlilhom xi applikazzjoni jew jiktbilhom xi rċevuta; hu kien ħabib ma' kulħadd, kien imdaħħal fil-każini, fil-Kumitat tal-Festa, f'dak tas-Soċjetà ta' San Viċenz di Pawla u f'kull għaqda jew xirka li kienu mwaqqfin fil-belt. Il-kbar kienu jistmaw lis-Surmast għax jiftakru fit-tagħlim tiegħu u ż-żgħar kienu jħobbuh bħala mgħallem tagħhom; ħafna mill-iskulari tiegħu kienu siefru, iżda lilu qatt ma nsewh u ta' sikwit jaħsbu fih, u jiktbulu u billi jafu l-ġibda ta' qalbu, kienu dlonk jibagħtulu kartolini jew ritratti tar-Re u tal-Prinċpijiet.

Issa wara erbgħin sena servizz is-Surmast kien wasal biex jistrieħ u joħroġ bil-pjazza u għax tgħid! kienet taqbdu għafsa ta' qalb mhux għax kien wasal biex iħalli lill-iskulari daqskemm għax ma kienx se jibqa' iżjed igħallem littfal ikantaw il-"*God save the King.*"

Madankollu bdiet il-gwerra li ħarbtet kollox u xerrdet il kulħadd: ħafna mit-tfal ħarġu mill-belt u marru mal-familji tagħhom joqogħdu f'postijiet aktar imbegħdin mill-port u fl iskola qajla baqgħu jmorru erba' tużżani tfal sofor, għajjenin, imnikktin, li wara lejl fix-xelter ma kien ikollhom ħajra jagħmlu xejn. Is-Surmast ma warrabx mill-belt u baqa' jmur kuljum l-iskola u aktar ma l-għadu kien juri qilla ħarxa, aktar huwa kien iħeġġeġ qalb it-tfal fl-imħabba lejn ir-Re u kuljum fil għodu u wara nofs in-nhar, qabel u wara l-lezzjonijiet, is-Surmast kien jiġbor it-tfal biex ilkoll flimkien ikantaw il-"*God save the King*".

Għodwa waħda wara lejl ta' biża' li ma jintesa qatt, is-Surmast meta mar l-iskola sabha nofsha mġarrfa mill-balal tal-għadu, ħass għafsa ta' qalb u telgħetlu għoqla għal dik il-ħerba, f'daqqa waħda ġewh quddiem għajnejh it-tfal kollha li kien għallem f'dik l-iskola u t-tifkiriet tal ġrajja li ma' tul l-erbgħin sena ta' tagħlim għaddew minn għalih; dik il-ħerba u dik il-ħsara sewdulu qalbu, waqqgħuh f'niket kbir, u qabbżulu d dmugħ minn għajnejh.

* * *

Il-għadu wera snienu bi ħruxija li ma bħalha, għal bosta xhur ma taniex nifs, kien jaħbat għalina bin-nhar u bil-lejl, qatel ħafna nies, darab wisq oħrajn, ġarraf bosta djar, għamel ħsarat li ma jitwemmnux. Malta għaddiet il-kalvarju: għal tliet snin kienet assedjata, u l-Maltin ġarrbu tbatija u għaks tal-biża', iżda wara d-dlam tan-niket jiġi d-dawl ta' ferħ: fl-aħħar il-għadu donnu qata' qalbu li jrażżan il-Maltin u tahom xi ftit tan-nifs, ma baqax qisu mekkuk ġej u sejjer jixħet bombi u jiżra' qirda. In-nies strieħu u ħadu r-ruħ, ma baqgħux jorqdu għall-kenn tal-blat, l ikel żdied u l-ħajja tjiebet.

Madankollu għall bidu tas-sajf ġriet ix-xniegħa li r-Re Ġorġ kellu jiġi Malta biex juri kemm kienet għal qalbu l-imġiba tal-Maltin u biex ifarraġhom għall-ħerba u għanniket li kienu waqgħu fuqhom. Għall-ewwel ħadd ma ried

jemmen, kulħadd raħa ħaġa kbira dik li fl-eqqel ta' gwerra ħarxa bl-art, bil-baħar u bl-ajru, ir-Re tagħna, il-bniedem ewlieni tas-saltna, il-qofol li jgħaqqad flimkien il-ġnus ta' l-Imperu, kien sejjer jittarraf f'tiġrif hekk kbir li jiġi jżur Malta, il-gżira quddemija taħt imnieħer il-għadu.

Is-Surmast ħass ferħ kbir għal dik l-aħbar, huwa li minn qaddisu kellu qima kbira għall persuna tas-Suvran, hejja ruħu biex jilqa' bil-ġieh kollu r-Re tagħna u għamel fehma li ma jibqax lura biex juri l-ħrara u l-ġibda ta' qalbu.

Imbagħad sebaħ jum il-Ħadd u n-nies nġabru bħannemel fuq is-swar u ma' dwar ix-xatt biex jaraw ir-Re Ġorġ dieħel f'Malta: uċuh henjin, għajnejn jilmaw, qlub iferfru; kull fejn iħares wieħed ma kienx jilmaħ ħlief ferħ u hena fuq dawk il-ħlejjaq; kulħadd nesa l-bombi li jwerwru, il-ħbit aħrax mill-ajru, il-ljieli qalila bla rqad, il-għaks li jbikki, il-ħsara u l-mewt li għadda minnhom; f'dik il-għodwa fil-Gżira tagħna għall-kull niket u saltan kull sliem.

Ma' tlugħ ix-xemx, l-"*Aurora*", il-biċċa tal-gwerra li wasslet ir-Re Ġorġ, feġġet dieħla fomm il-Port il-Kbir, imħarsa minn sitt bċejjeċ tal-gwerra oħra iżgħar minnha, tlieta kull naħa, dehret dieħla ħafifa u sħiħa, dehra ta' qawwa, għelm ta' setgħa, xhieda tal-ħakma Ingliża fuq il-baħar.

Fuq il-*bridge* ta' l-Aurora, wieqaf waħdu, ir-Re Ġorġ, liebes ta' Ammirall bl-uniformi bajda taqta' fuq l-ikħal tal-baħar u n-nir tas-sema, fuq ruħu, b'idu l-ħin kollu fuq ġbinu, kien isellem lil Malta u lill-Maltin. Id-dehra tar-Re qanqlet tferfira ta' hena fi qlub in-nies kollha li kien hemm miġbura; kulħadd infexx f'għajjat ta' ferħ; kbar u żgħar bdew iċapċpu, isellmu, ixejru bandieri u mkatar.

Fil-waqt li r-Re kien nieżel id-dwana, fil-belt fejn kien joqgħod is-Sur Dward, kien qam għagħa kbir, għax kienet xterdet l-aħbar li r-Re kien se jmur hemm: sar għidut bla tarf, qamet ġeġwiġija li ma bħalha, in-nies kollha ħarġu għalenija jiftiehmu flimkien biex jaraw x'jagħmlu ħalli jilqgħu r-Re kif jistħoqqlu u juruh il-ħrara ta' qalbhom; naddfu t-toroq, żejnu t-twieqi bil-qsari, hemżu trieħi ħomor mal-gallarijiet u dendlu bandieri Ingliżi u Maltin fit-toroq u dik il-belt nofsa mġarrfa mill-bombi tal-għadu, bit-toroq mimlijin brag ta' radam u d-djar gozz ħerba, f'dik il-għodwa ħadet bixra ta' ferħ donnha qamet mid-dalma ta' qellet il-gwerra għad-dawl ta' ġmiel il-hena u s-sliem.

Is-Surmast ħass qalbu trid ittir bil-ferħ meta sama' li r-Re Ġorġ kellu jmur iżur il-belt, bilkemm ried jemmen li r-Re kien se jimxi fit-toroq li hu kien igħaddi minnhom kuljum u jmur fl-inħawi fejn hu kien trabba, kiber u sar raġel, stħajjel li b'dik iż-żjara tiegħu r-Re għoġbu joqrob aktar lejn in-nies tal-belt.

Il-miġja tar-Re kienet għas-Surmast il-qofol ta' ħajtu u ta' ħidmitu, huwa li dejjem weġġah ir-Re u għallem u ħabrek biex il-qima lejn is Sultan dejjem toktor u tiżdied, issa li kien wasal biex jirtira mis-servizz, dak l-imgħallem ta' l-iskola iżżaħajr lil xortih għax fit-tmiem tal-karriera tiegħu kellu jara u jsellem lis-Suvran.

Għax dak in-nhar kien l-aħħar jum tas servizz tas Sur Dward, il-għada hu kellu joħroġ bil-pjazza u jinfired mill-iskulari tiegħu. Wara erbgħin sena ta' tagħlim din il-firda kienet qiegħda tagħtih ġewwa lis-Sur Dward u kien iħoss bħal dieqa tagħsarlu qalbu kull meta jiftakar li issa kien wasal biex jagħti l-aħħar tislima lill-iskulari u jħalli l-iskola wara li kien qatta' l-aħjar ta' ħajtu fiha, imma dak l-aħħar jum ta' l-iskola tiegħu kellu jkun imseddaq miż-żjara tar-Re.

B'ħeġġa mqanqla mill-ħrara ta' l-imħabba s-Surmast ħareġ idur dawra mal-belt u ġabar kemm tfal ta' l-iskola sab, ħadhom fejn dari kienet wieqfa l-iskola, ra kif għamel sabilhom ħafna bandieri żgħar u qassamhomlhom waħda kull wieħed, imbagħad ġagħalhom jikkonċertaw il-"*God save*" biex ikantawh għalenija malli jasal ir-Re.

Xi erbat Irjus tal-belt tħajru jqabbdu tifla biex meta jasal ir-Re tnewwillu bukkett ward, u billi raw is-Surmast iħabrek hekk bil-ħrara biex iż-żjara tar-Re tirnexxi, ftiehmu li jagħżlu lil Ġorġina, it-tifla tas-Sur Dward, biex tippreżenta l-bukkett lir-Re Ġorġ. Dik il għażla kienet ta' ġieħ kbir għal Ġorġina u għal missierha s-Surmast; dan qisu tala' s-sema bil-ferħ li ġarrab. Mela dik bintu l-għażiża kien se jkollha x-xorti li tersaq quddiem ir-Re u tkellmu! Fejn qatt basar b'dan il-ġieħ għoli hu li kien iqis lil persuna tar-Re bħala ħolqien imqaddes.

* * *

In-nies tal-belt ħarġu kollha u ntasbu fit-toroq jistennew ir-Re; kulħadd kellu wiċċ il-hena, kulħadd kien ferħan, kulħadd

kien daħkan. L-irġiel libsu ta' nhar ta' Ħadd u n-nisa ddandnu mill-aħjar li setgħu, it-tfal kellhom seba' mitt sena biex jaraw is-Sultan. Kull min kien hemm kien fuq ix-xwiek jistenna li tfiġġ il-karozza tar Re.

F'daqqa 'waħda qamet ġeġwiġija msieħba ma' għajat ta' ferħ u ċapċip; ħafna nies telqu jiġru lejn mnejn kien ġej il-għagħa u ftit wara r-Re deher miexi bejn il-Gvernatur u l-Kappillan b'ħafna Rjus kbar, Kmandanti u Kapijiet warajh. In-nies tgħaxxqu għad-dehra tas-Suvran, ħassew bħal ħlewwa ta' qalb u minnufih donnhom tqanqlu b'fawra ta' hena; għall-ewwel meta raw ir-Re għaddej minn ġo nofshom bħal tbikkmu, imbagħad qabadhom bħal ferħ ta' ġenn u nfexxew ifaħħru lir-Re jgħajtu, iċapċpu kemm jifilħu, isellmu, jitfgħu ward, igħollu idejhom, ixejru bandieri u mkatar u jagħmlu s-sinjal V b'subgħajhom.

Ir-Re għadda mit-toroq imħarbtin isellem u jitbissem lil kulħadd u dak it-tislim u dik it-tbissima rebħu qlub innies li ħafna minnhom bdew jibku bil-ferħ; dik iż-żjara tar-Re kienet għalihom il-premju tat-tbatijiet kollha li għaddew minnhom u f'dak il-ħin kulħadd nesa kemm bata u ħass ruħu xxortjat li għex biex jistgħalli dik id-dehra tal-għaġeb.

Meta r-Re wasal ħdejn l-iskola s-Surmast ħass bħal reqqet ir-ruħ, bħal infixel u ma għarafx irażżan il-mewġa ta' ferħ li qanqlitu: minn naħa waħda ma riedx jitlef farka minn dik id-dehra tas-Suvran u min-naħa l-oħra kellu ħsiebu fit-tfal li kien ġabar biex ikantaw il-"*God save*"; imbagħad f'daqqa waħda qalb is-Surmast faret bil-hena u għajnejh bdew jilmaw bid-dmugħ ta' faraġ: dak il-ħin bintu Ġorġina, liebsa l-abjad, ħafifa, irqajqa, sabiħa u mistħija, wiċċ il-ġmiel, donnha Anġlu tas-sema, resqet quddiem ir-Re għamlitlu riverenza u bi ħlewwa tal-għaġeb, newlitlu bukkett ward abjad u aħmar.

Ir-Re bi tbissima li tmiss il-qlub, qabad il-bukkett u qal xi kelmtejn ta' iżżiħajr lil Ġorġina. Dak il-waqt donnha għaddiet fewġa tal-hena minn fuq il-belt, in-nies ma felħux iżommu aktar u f'daqqa waħda wrew il-ġibda ta' qalbhom lejn is-Sultan tagħhom; kulħadd intilef f'għajat ta' ferħ; nisa jibku bil-hena, irġiel ixejru idejhom u jċapċpu jew igħollu lil uliedhom ħalli jaraw aħjar ir-Re, tfal jaqbżu, qniepen idoqqu. Is-Surmast, mitluf donnu barra minn sensih bil-ferħ kbir li kien iġarrab, dar fuq it-tfal li kellu miġbura ma'

dwaru, għolla idejh u beda jkanta magħhom il-"*God save the King*". Qatt dan l-innu Ingliż ma tkanta bi ħrara akbar minn dak in-nhar u r-Re deher li ħa gost għax wara li spiċċa l-"*God save*" dar lejn is-Surmast, sellimlu u tbissimlu.

Dik it-tislima u dik it-tbissima kienu għal qalb is-Surmast bħal balzmu l-aktar ħelu, bħalu ħlas l-aktar ħanin ta' kemm kien għallem lit-tfal il-"*God save the King*."

ĠUŻE GALEA

# IT-8 TA' SETTEMBRU LONDRA, 1942

Il-ġrajja ta' Settembru li kull sena
jarmu l-egħruq u ġewwa ħsiebna jxettlu
tifkirijiet għeżież ta' l-akbar ħila,
u ġewwa qlubna
nirien ikebbsu
ta' mħabba u ta' qlubija,
sejħulna l-lum hawnhekk f'laqgħa Maltija,
fil-qalba ta' l-Imperu,
sabiex, għalkemm mifruda mill-Omm ħelwa,
minn ħutna u minn qrabatna,
nistgħu għallinqas
il-lum magħhom ningħaqdu
jekk mhux b'ġisimna b'ruħna fit-talb 'l Alla
li f'dak il-jum qaddis ħelisna w fdiena.
U ħeles dak in-nhar, b'saħħet il-Malti,
mhux biss ix-xtut tal-gżira;
ħeles l-Ewropa, d-dinja kollha ħeles
mill-madmad tal-ħakkiem,
minn ħajja lsira.

U hemm fuq qalb il-Belt,
fil-kenn tal-Maqdes fost l-oħrajn ewlieni,
ma' ġenb il-qabar sieket tal-Granmastru,
ma' ġenb it-trab qaddis ta' nies qalbiena
li bla ma tfantsu waqgħu fit-taqbida;
quddiem id-Dar tal-Ħaqq (hekk kif kien jixraq)
tellajna l-Monument, biex jibqa' għal dejjem
jixhed fil-bronż u ż-żonqor
is-Saħħa wit-Twemmin wil-Ħajja tagħna.

*

Harġet mill-ġdid, minn qiegħ id-dlamijiet,
waħxija, moqżieża,
tal-ħażen il-bhima misħuta
li għal żmien twil kienet miżmuma lsira
għax ma stajniex għal kollox neqirduha.
Iżda aħna naħtu wkoll, għax insejniehom
il-ktajjen
li tfajna ma' dwar għonqha w ma' riġlejha;
insejna nieħdu ħsiebhom u nżommuhom
b'saħħithom u marsusa;
u dawn maż-żmien bdew jerħu, bdew jissaddu
u bdew ukoll jinħallu:
u mgħaddba minn ġo fihom
ħarġet il-ġilpa
li ġiebet fuq id-dinja, fuq gżiritna
ħsarat u ħerba.
Harġet miġnuna; kissret kull fejn rifset;
ġarrfet il-knejjes, l-egħżeż ġid li kellna
mill-ibgħad żminijiet;
ġarrfet id-djar ta' l-għonja Kavalieri,
ġawhar ta' bini li ma jerġax jinbena;
qaċċtet bl-għeruq ġmiel it-Tijatru tagħna,
għaxqa ta' Malta, għira tal-Barrani;
ħarbtet triqat il-Belt,
ħarbtet irħula,
kissret li sabet,
u mnejn kull fejn għaddiet żergħet mibegħda.

Iżda fuq kollox għaqqdet nies gżiritna,
rabtithom f'fehma waħda għalenija
li ma jerħux il-għodod minn idejhom
qabel ma jeqirduha
did-darba għal-dejjem,
u magħha l-bagħal Taljan li qed jaqdiha.

*

Imbagħad meta dis-sħaba dallamija,
li waħxija
ġiebet is saħta, xerrdet dmugħ u dmija,
tgħaddi minn fuqna għal kollox,
tkun tista' bil-jedd kollu Malta għajjiena,
daħkana għalkemm muġugħa,
rebbieħa,
terfa' leħinha w tgħid:
Driegħ Alla ried ikun, u driegħ uliedi.

A. V. Vassallo

**8 ta' Settembru, 1942.**

# Wenzu jsib lil Lucija f'Lazzarett

Il-Tieni Taqsima

(*Qabbel mal-għadd ta' Marzu 1941*)

WENZU f'dal-waqt kien sejjer bil-ġirja lejn il-qasam tat-twajjeb patri Kristofru. Bi ftit taħbil tal-moħħ, mhux mingħajr ma' kellu jarġa' jagħmel xi biċċa trieq, fl-aħħar seħħlu jasal. Sab il-għarix; lilu ma sabux hemm; imma jħuf u jgħarrex ma l-inħawi lemħu f'għarix, fejn milwi tnejn b'wiċċu bil-kemm mhux mal-qiegħa ta' l-art kien qed ifarraġ wieħed li kienet ħierġa ruħu. Waqaf hemm, jistenna bla ma jitniffes. Wara ftit rah jagħlaqlu għajnejh lil dak l-imsejken, imbagħad jinżel għar-rkobbtejh, jitlob għal ħin wieħed u jarġa' jqum. Hawn Wenzu tqanqal mnejn kien u baqa' sejjer lejh.

"Oh!" qal il-patri, kif rah ġej; "x'għamilna?"

"Hemm qiegħda: sibtha!"

"Kif inhi?"

"Imfejqa, jew għallanqas imqajma."

"F'ħajjetalla"

"Imma..." qal Wenzu, kif qorob lejh li kien jista' jkellmu minn taħt il-lsien: "hemm taħbila oħra."

"X'inqala'?"

"Irrid ingħid li... Inti tafu kemm hi tifla sewwa dik l-imsejkna ta' xebba, imma minn daqqiet daqsxejn ta' fehimtha. Wara daqshekk wegħdiet, wara dak kollu li taf bih int ukoll, issa tgħid li ma tistax tiżżewwiġni, għax tgħid, fejn naf jien? li, dak il-lejl tal-biża', saħħnet rasha, u, kif igħidu, wegħdet lilha n-nfisha lill-Madonna. Ħwejjeġ bla qofol, mhux tassew? Ħwejjeġ tajba, min għandu d-dehen u għaliex jagħmilhom, imma għalina nies lura, li ma nafux kif għandhom isiru... hux tabilħaqq li ma jgħoddu xejn?"

"Għidli: hi bogħod wisq minn hawn?"

"Oh le: ftit meddiet ta' riġel 'l hemm mill-knisja."

"Stenna hawn għal ftit wieħed," qal il-patri: "imbagħad immorru flimkien,"

"Jiġifieri li inti s'er iġġagħalha tifhem..."

"Ma naf xejn, ibni; jeħtieġ li nisma' lilha."

"Fhimt;" qal Wenzu, u qagħad b'għajnejh imsammrin ma' l-art u b'idejh marbuta fuq sidru jtalla' u jniżżel, għax

kien baqa' kif kien, la jaf hekk u lanqas hekk. Il-patri talab lill-patri Vitor biex jilħaqlu dmiru, imbagħad dar fuq Wenzu u qallu: "Issa wassalni int."

U bla kliem ieħor, telqu għal ħdejha.

Is sema kien baqa' sejjer dejjem aktar jiddallam u kien q'ed iħabbar issa li ma kenitx tista' tonqos u ma ddumx il-burraxka. Il-leħħ tal-beraq waħda f'waħda kien jikser id-dalma li kienet kotrot, u jdawwal f'daqqa l-bjut twal daqshiex u l-ħnejjiet tal-loġoġ, il-koppla tal-knisja, il-quċċati baxxi tal-għarejjex; u r-ragħad ifaqqa' b'ħoss ta' f'daqqa kien jinfirex jidwi minn naħa għal oħra tas-sema. Kien miexi quddiem iż-żagħżugħ, ħsiebu fit-trieq, m'għandux sabar li jasal, u jnaqqas mill-mixi, biex iqisu mal-ħila ta' sieħbu; li għajjien mill-ħidma ta' tbatija, magħdur bil-mard, mgħakkes bis-sħana, kien miexi bit-tbatija, jarfa' kull ftit lejn is-sema wiċċu mixrub, bħalkieku jfittex biex jieħu n-nifs aħjar.

Wenzu, hekk kif lemaħ il-għarix, waqaf, dar lura u qal b'leħen imriegħed: "hawn qiegħda."

Jidħlu..."Hawn huma!" tgħajjat il-mara, li kienet fuq daqsxejn ta' sodda. Luċija ddur, tqum bilġri, tmur fuq ix-xiħ, tgħajjat: "Lil min q'ed nilmaħ! Ara patri Kristofru!"

"X'aħbarek, Luċija! Minn kemm hemm ħelsek Alla! M'għandux jibdielek li ttamajt dejjem Fih."

"Hekk iva! Imma int? Jaħasra, kif tbiddilt! Kif int? għidli kif int?"

"Kif Alla jrid, u kif, għall-ħniena tiegħu, irrid jien ukoll," wieġeb b'wiċċ ħiemed il-patri. U, wara li ġibidha fil-ġenb, qalilha: "isma': jien ma nistax niddawwar hawn ħlief għal ftit wieħed. Inti mhejjija tiftaħ qalbek miegħi, bħad-drabi l-oħra?"

"Kif mela m'intix int dejjem il-missier tiegħi?"

"Binti, mela, x'inhi dil-wegħda li qalli biha Wenzu?"

"Wegħda li għamilt lill-Madonna...,f'waqt li kont imdejqa ħafna!...li ma niżżewwiġx."

"Miskina! Imma f'dak il-ħin ma ħsibtx li kont marbuta bil-kelma li kont tajt?"

"Billi kien għal Alla u l-Madonna!... ma ħsibtx f'dan."

"Alla, binti, jilqa' u jgħożż dak li nbatu għalih u nagħtuh, meta minn ħwejjiġna. Il-qalb li Hu jrid, ir-rieda; imma int ma stajtx toffrilu r-rieda ta' ħaddieħor, li miegħu kont qabel intrabat."

"Għamilt ħażin?"

"Le, miskina; la taħsibx f'dan : mhux biss imma jien nemmen li l-Verġni mqaddsa laqgħet u għażżet il-ħsieb ta' qalbek miġugħa u offrietu lil Alla għalik. Imma, għidli, int qatt ma kont tħaddidt ma' ħadd fuq dil-biċċa biex jagħtik id-dawl ?"

"Jien ma kontx nifhem li għamilt xi ħaġa ħażina li kelli nqerra: u dak il-ftit ta' ġid li wieħed jista' jagħmel nafuh, m'għandux imur ixandru."

"M'għandek ebda ħaġ'oħra li ma tħallikx iżżomm il-wegħda li għamilt lil Wenzu ?"

"Fuq hekk... jien... x'jista' jkolli ? Ma nistax tabilħaqq ingħid..." wieġbet Luċija tlaqlaq, li kien juri kollox barra milli hi kienet bejn ħaltejn fil-ħsieb tagħha; u wiċċha, li kien għadu bla lewn bil-marda, far f'daqqa waħda bl-aqwa ħmura.

"Temmen int," raġa' qabad igħid ix-xwejjaħ, jitfa' fil-waqt għajnejh lejn l-art, "li Alla ta lill-Knisja tiegħu s-setgħa li taħfer jew le, kif ikun jaqbel l-aħjar għal ġid aqwa d-djun u d-dmirijiet li l-bnedmin kienu setgħu għamlu Miegħu."

"Ingħid nemmnux."

"Issa għandek taf li aħna, li konna maħturin biex nieħdu ħsieb ir-ruħ tan-nies t'hawn, għandna, għal dawk kollha li jduru lejna, setgħat l-aktar kbar tal-knisja; u li, fuqhekk, jien nista', meta int titlobhuli, inħollok mid-dmir, hu xinhu, li stajt intrabat bih imħabba f'dil-wegħda."

"Imma mhux dnub li tarġa' lura, jisgħob bik minn wegħda li tkun għamilt lill-Madonna ? Jien dak il-waqt għamiltha minn qiegħ qalbi..." qalet Luċija, f'taħwida qalila ta' ruħha, maħbuta minn tama, li jeħtieġ ingħidu, ma kenitx mistennija, u minn qawmien min-naħa l-oħra ta' biża' qawwi mwettaq mill-ħsebijiet kollha li, minn bosta żmien, fuqhom kienet medhija ruħha.

"Dnub, binti?" qal il-patri : "dnub talli ddur lejn il-Knisja, u titlob lil min jagħmel għaliha biex jinqeda bis-setgħa li kellu minn għandha, u li hi kellha minn għand Alla? Jien rajt kif intom it-tnejn kontu mwassla biex ingħaqadtu; u, ngħidlek, bla taqtiq xejn, li, jekk qatt deherli li tnejn kien m'nAlla li ngħaqdu kontu intom: issa ma narax il-għala Alla għandu jifridkom. U mbierku li tani, għad li hekk li xejn ma jistħoqqli, is-setgħa li nitkellem f'ismu u nroddlok kelmtek. U jekk titlobni biex naqtagħha li inti maħlula minn dil-wegħda, jien ma noqgħodx naħsibha darbtejn biex nagħmlu; imma wkoll nixtieq li titlobhuli ?"

"La darba hu hekk!... la int tgħid hekk!... nitolbu;" qalet Luċija, b'wiċċ mhux aktar imħawwad barra minn b'mistħija.

Il patri sejjaħ b'għemża liż-żagħżugħ, li kien qiegħed f'rokna l-aktar imwarrba jħares (la darba ma satax jagħmel ieħor) għajnejh imsammrin fit-taħdita, li kellu magħha x'jaqsam ħafna; u, meta dak wasal ħdejh, qal, b'leħen ogħla, lil Luċija: "bis-setgħa li għandi mill-Knisja naqtgħek maħlula mill-wegħda tax-xbubija bl'inħassar f'daqqa waħda dak li sata' kien hemm bla ħsieb u neħilsek minn kull dmir li b'hekk stajt intrabat bih."

Inħalli lill-qarrej jaħseb kif daqq f'widnejn Wenzu kliem bħal dan. Iżża ħajr, bil-ħrara ta' għajnejh lil dak li kien lissnu; u dlonk fittex, imma għalxejn, li jiltaqa' ma' dawk ta' Luċija.

"Arġa', bla biża' u moħħok mistrieħ, għall-fehmiet ta' darba," għadda 'l quddiem igħid il-kabuċċin: "itlob mill-ġdid lill-Mulej il-grazzi li kont titolbu, li tkun mara qaddisa; u qawwi qalbek li jagħtihomlok u bil-bosta aktar wara daqshekk hemm. U int," qal, idur fuq Wenzu, "ftakar, ibni, li, jekk il-Knisja qiegħda troddlok dis-sieħba, mhix tagħmlu biex iġġiblek xi faraġ li jdub maż-żmien, milli tagħti d-dinja, li mqar, li sata' jkun, kien sħiħ u mingħajr taħlit ta' ebda għali, għandu jintemm f'ħasra kbira, fil-waqt li tħallik; imma tagħmlu biex tqabbadkom littnejn it-trieq tal-hena li ma tintemm qatt. Ħobbu lil xulxin bħala sħab fi vjaġġ, b'dal-ħsieb quddiemkom li għad ikollkom tħallu lil xulxin, u bit-tama li targħgħu tiltaqgħu għal dejjem, iżżu ħajr lis-sema li wassalkom sa hawn, mhux b'ferħ ta' għors, li jgħaddi. imma b'taħbit u tbatijiet, biex iħejjikom għal ferħ miġbur u ħiemed. Jekk Alla jagħtikom it-tfal, għajnkom li trabbuhom Għalih, li tnisslu fihom l-imħabba Tiegħu u tal-bnedmin kollha; u hekk tmexxuhom tajjeb fil-bqija l-oħra kollha. Luċija! qallek," juri b'għajnejh lil Wenzu, "lil min ra hawnhekk?"

"Patri, iva qalli!"

"Inti itlob għalih! U la tgħejjiex. U għalija wkoll itlob!... Wliedi! irrid li jkollkom tifkira ta' dal-patri fqir..." U hawn talla' miċ-ċirniena kaxxetta ta' njam ta' l-oħxon, imma maħduma bit-torn u mogħtija l-lostru b'xi rqim minn tal-patrijiet kabuċċini u għadda 'l quddiem igħid: "u hawn ġew jinsab il-fdal ta' dak il-ħobż... ta' l-ewwel ħobż li mort nittallab; dak il-ħobż li smajtu min igħid fuqu. Inħallih lilkom: arfgħuh; uruh lil uliedkom. Għad

isibu ruħhom f'dinja ħażina u fi żmenijiet ħżiena, b'wiċċhom ma' nies kburin u nies nebbiexa: għidulhom li jaħfru dejjem u dejjem! kollox u kollox! u li jitolbu, huma wkoll, għal dan l-imsejken ta' patri!"

U newwel il-kaxxetta lil Luċija, li laqgħetha bil-qima, kif kien jagħmel wieħed għal xi relikwa. Imbagħad, b'leħen aktar hieni raġa' beda jgħid: "Issa għidli; għandek f'Milan min jaqbeż għalik? Fejn beħsiebek tmur tinġabar, kif toħroġ minn hawn?"

"Dis-sinjura ta' qalb tajba qiegħda tagħmel miegħi f'dal-waqt ta' omm; aħna t-tnejn noħorġu minn hawn flimkien, u mbagħad hi taħseb għal kollox."

"Alla jħallsek," qal il-patri, jersaq fil-waqt lejn is-sodda ċkejkna tagħha.

"NIżżik ħajr jien wkoll," qalet l-armla, "talli farraġt lil dawn imsejknin żewġt erwieħ; għalkemm jien kont qtajt li nżommha għal dejjem miegħi lill-maħbuba Luċija. Imma ma nerħihiex għalissa; inwassalha sar-raħal tagħha, nagħtiha f idejn ommha; u," żiedet qalet minn taħt il-lsien, "irrid nagħmlilha jien il ġhież. Għandi ġid iżżejjed; u minn dawk li kellhom jistgħalluh flimkien miegħi, m'għandi lil ħadd iżjed!"

"B'hekk," wieġeb il-patri, "inti tista' tagħmel sagrifiċċju kbir lil Alla u ġid lil għajrek. Ma noqgħodx inraħħamlek għal dix-xbejba; q'ed nara li qisha bintek; m'hemmx ħlief ta' min ifaħħar lil Alla, li jaf juri ruħu ta' missier ukoll waqt li jsawwat, u li, bli laqqagħkom flimkien ta għelm hekk ċar ta' mħabba lil waħda u lill-oħra. Issa," raġa' mbagħad qabad igħid, idur fil-ħin lejn Wenzu u jaqbdu minn idu l-waħda: "aħna t-tnejn m'għandniex aktar x'nagħmlu hawn u qgħadna wkoll iżżejjed. Nitilqu."

"Patri!" qalet Luċija: "għad narġa' narak? Jien imfejqa, jien li ma jien ta' ebda ġid f'did-dinja: u int!..."

"Ili bosta żmien," wieġeb b'leħen għaqli u ħelu x-xwejjaħ, "nitlob lil Alla grazzja, u kbira bil-bosta: li ntemm ħajti f'waqt li jien naqdi d-dmirijiet tiegħi ma' għajri. Jekk Hu jogħġbu jagħtihieli issa, neħtieġ li dawk kollha li għandhom ħniena minni, igħinuni niżżih ħajr. Isa, għid lil Wenzu xi tridu jaqdik ma' ommok."

"Għidilha dak li rajt," qalet Luċija lill-għarus: "li sibt hawn omm oħra: li niġi ma' din mill-aktar fis li nista', u li nittama li nsibha qawwija u sħiħa."

"Jekk teħtieġ xi flus" qal Wenzu, "jien għandi fuqi dawk kollha li inti kont bgħattli."

"Le, le," qatgħetlu kliemu l-armla: "għandi jien u ż-żejjed wkoll."

"Immorru," tenna l-patri.

"Narġgħu naraw lil xulxin, Luċija! u inti wkoll, mela, o sinjura ta' qalb tajba," qal Wenzu, ma jsibx il-kliem biex ifisser dak li kien q'ed iħoss.

"Min jaf Alla għadx jagħtina l-grazzja li narġgħu niltaqgħu lkoll!" qalet Luċija b'leħen ogħla.

"Alla magħkom dejjem u jberikkom," qal patri Kristofru liż-żewġ nisa, u ħareġ ma' Wenzu mill-għarix.

Kien jonqos ftit ħalli jidlam u s-sema kien jidher q'ed dejjem aktar joqrob biex jagħmel tiegħu. Il-kabuċċin urih qalbu liż-żagħżugħ li kien irid jilqgħu għal dak il-lejl fil-għarix tiegħu. "Miegħek ma nkunx nista' noqgħod," u żied qallu: "imma jkollok fejn tistkenn."

Imma Wenzu kellu ġenn biex jitlaq; u ma kellu xejn x'jiġbdu biex jiddawwar aktar fit-tul f'imkien bħal dak, meta ma kienx jista' jinqeda b'hekk biex jara lil Luċija, u ma kienx lanqas jista' joqgħod mal-patri hekk twajjeb. Għal dak li hu ħin u sema, lejl u nhar, xemx u xita, riħ fuq u riħ isfel, tista' tgħid, kien wieħed għalih dak il-waqt. Iżża ħajr mela lill-patri, igħidlu fil-ħin li jrid imur mill-aktar fis li kien jista' jkun biex ifittex lil Njeża.

Meta waslu fuq it-trieq li kienet taqsam min-nofs, il-patri għafaslu idu u qallu: "Jalla! ssibha lil dik il-mara sewwa ta' Njeża, sellili għaliha; u lilha, u lil dawk kollha li baqgħu hawn għadhom jiftakru fi fra Kristofru; għidilhom biex jitolbu għalih. Alla miegħek u jxerred fuqek dejjem il-barka tiegħu."

"Oh għażiż patri!... narġgħu naraw lil xulxin? narġgħu niltaqgħu?"

"Hemm fuq, għandi tama." U b'dawn il-kelmiet infired minn Wenzu, li, wara li kien waqaf hemm iħares lejh sa kemm ma tilfux minn taħt għajnejh, ħa bil-għaġla għall-bieb, jagħti fil-waqt lejn il-lemin u x-xellug l-aħħar ħarsa ta' ħasra għal dak il-lok ta' niket. Kien hemm ġeġwiġija aqwa minn drabi oħra, ġiri ta' nies li jġorru 'l meħudin bil-pesta, ġarr ta' ħwejjeġ, tiswija tat-tined tal-għarejjex, tkaxkir ta' morda li kienu għoddhom fiequ lejn dawn u lejn il-loġoġ biex jistkennu mid-dagħbien li kien fil-qrib.

DUN PAWL.

# MDLXV

Xinhu jiġri? Mitt qlugħ fuq il-baħar
Qiegħed nilmaħ resqin lejn ix-xtajta!
Minn kull xini tinstama' mitt għajta:
Aħna nirbħu! Aħna nagħilbu 'l Maltin!
U Dragut, il-ġellied li kien ftaħar
Li sa jniżżel lil Malta għarkobbtejha,
Dlonk intebaħ kif hu qorob lejha
Li ta' Malta huma nies qawwijin.

Xejn ma swielu li jagħżel u jlaqqa'
L-iżjed nies li hu kellu b'saħħithom
La m'għarafx li l Maltin għal ħilithom
Lebda għajb huma jagħmlu lil ħadd!
Bi ħsieb wieħed, magħquda, ilkoll f'daqqa;
Aħwa lkoll, kollha wlied ta' dil-Gżira
Huma ħalfu flimkien u b'qalb kbira
Li maħqura din l-Omm ma tkun qatt!

Aqta' jiesek, Dragut, arġa' lura!
Hawn ma ssibx min sa jilqgħek bis-sliema:
Minn din l-art tista' ġġarrab indiema
Li qatt f'għomrok int bħalha ħassejt!
Hawn it-telfa li jkollok hi żgura,
U ta' xejn iċ-ċarċir ta' kull dmija;
Kemm il-ġebel, is-swar u l-ħamrija
Ta' din l-art jixhdu qawwa—għalfejn ġejt?

Iżda t-Tork b'rasu iebsa u bla sabar
Sabiex jaħkem dil-gżira sabiħa,
Baqa' joqrob bil-fehma hekk sħiħa
Illi jeqred ta' Kristu s-Salib!
Imma naqas! Għax hawn sab il-qabar
Li l-Maltin sa mill-ewwel ħaffrulu,
Hawn sab forzi li l-forzi qerdulu,
Hawn sab dak li xejn basar li jsib!

Il-Grammastru qalbieni ta l amar:
Waqqgħet sikta—il-kanuni biss tkellmu!
Minn Sant'Anġlu, mill-Forti Sant'Elmu
Fetħu n-nar għal fuq l-għadu misħut!
Dehru beraq, bħal ragħad, ħafna ġmamar;
Nies qawwija, ta' qalb u ta' rieda
Kollha nxteħtu qaddisa fil-ġlieda,
L-għan hu wieħed: jew tirbaħ jew tmut!

It-tislita issa saret qalila :
Demm fil-baħar u x-xtut kollhom dmija;
Krib ta' mewt, fosthom l-għajta qawwija
Ta' min f'idu baqagħlu stallett !
Inti tilmaħ jitqisu mill-ħi!a
U jitwieżnu mis-saħħa l-gwerriera.
"Ma naqgħux tan-Nofs Qamar ilsiera !"
Hi t-twissija tal-kbir La Vallette

Issa l-ġlieda bdiet sider ma' sider,
Issa xabla ma' xabla tiltaqa';
Min jindarab, min jirbaħ, min jaqa',
Hadd sogħbien illi l-mewt fuqu jġib !
Iżda r-rebħa ma ddumx, ġa bdiet tidher:
(Tabilħaqq li l-Mulej waqaf magħhom !)
Il-Maltin il-Vittorja hija tagħhom !
In-Nofs Qamar megħlub mis-Salib !

Ħarbu mħarbta u mistħija l-egħdewwa,
Qatt ma basru xi ssarraf dil-gżira:
Fqira l-art iżda qalbha mhix fqira,
Tirbaħ dejjem fil-ġlieda tal-ħaqq !
Morru ! U għidu lil sħabkom is-sewwa :
Dak li rajtu xandruh, Misilmin!
Għarrfu 'll-ġnus illi aħna l-Maltin
Aħna kbar, aħna kbar tabilħaqq !

Alla magħna għaliex żgħar u qalbiena !
Alla magħna għaliex aħna biss miegħu !
Alla magħna għaliex aħna biss tiegħu !
Alla magħna għax tamitna hija Fih !
HU fil-għawġ jitfa' ħarstu ta' ħniena
Fuq din l-art li, maħbuta mill-baħar,
Ma tegħriqx! Rasha tbaxxi u tiftaħar
Biss li żżomm għaliex hi temmen BIH !

ALBERT M. CASSOLA

# INNIJIET

*(biex ma jintilfux)*

## Innu lil San Duminku ta' Gużman

Versi ta' N. Biancardi—Mużka tas-Surmast Ġ. Casapinta

Venvnu l-irjieħ! Is-Seklu Tnax kien qiegħed
jintilef fid-dagħbien taż-żmenijiet.
Fi tmiemu sew il-Knisja rat jitbiegħed
il-qawwa tat-twemmin, ġid is-smewwiet.

Iżda kliem Kristu ma jonqosx. Il-Knisja Tiegħu
ma tintrebaħx. Il-qerq m'hux se jġarrafha.
Ġo Kalaroga wassal qawwet drieghu
u fiha twieled min mill-ġdid waqqafha.

U hemm fi Spanja nħoloq
Duminku ta' Gużman:
Id-Dawl tal-Knisja; l-kobor
ta' l-Ordni Dumnikan.

Magħruf sa minn ġuf ommu
b'qaddis bin il-qdusija.
Xandari ta' kliem Kristu;
qerried ta' l-ereżija.

## Innu lill-Bambina

B'tifkira tar-Rebħa ta' l-1565

Versi ta' N. Biancardi—Mużka tas-Surmast Ġ. Casapinta

O Madonna—ġmiel il-ġonna,
xemx ta' Mejju li saħħant
lill-qalbiena—bl-akbar ħniena
meta ġbarthom taħt il-mant.

Hekk megħjuna—lkoll annuna
ma' l-egħdewwa tas-Salib
tqabdu u rebħu—'d-dinja sebħu;
minn tat-Tork biegħdu t-tiġrib.

O Rebbieħa—b'fehma sħiħa
għeżież kbar missirijiet
lill-Bambina—l-Omm ħanina
agħtu ħajr. Id-dinja nfdiet!

# Il-Għanja tar-Rebħa!

Innu-Marċ biex jitkanta mit-tfal fit-8 ta' Settembru.

Versi ta' N. Biancardi—Mużka tas-Surmast Ġ. Casapinta

Dħul Settembru! Ix-xemx feġġet!
Malta rat dawl u ħelsien.
Dħul Settembru! Malta għamlet
l-akbar rebħa ta' kull żmien.

Kburin nimxu fi triqatna;
immarċaw għal fuq is-swar.
Mill-imdawla msieraħ tagħna
ta' Settembru nagħtu l-ħbar.

Dħul Settembru! B'leħen wieħed
ngħannu lkoll l-għanja tar-Rebħ!
Malta tqabdet! Malta rebħet!
Feġġ fuq Malta żmien is-sebħ.

# Insewwu l-Iżbalji tagħna

*Ismijiet ix-Xirkiet tagħna.*

KULĦADD jaf kemm hi ħaġa minnha li, daqskemm ix-xadini jimitaw lill-bniedem, daqstant ieħor dan, fid-drawwiet li jsawwar, ħafna drabi jimita, jixxadinja lil nies ta' pajjiżi oħra. Dil-għada narawha bejn il-pajjiżi kbar, u mmissuha b'idejna meta hu pajjiż żgħir li jrid jitqies ma' ieħor akbar minnu. Malta tinsab f'dan il-qasam taż-żrinġ li jrid jintefaħ sa ma jitwessa' u jilħaq ħxunet il-baqra. Minn hawn ġej, jaħasra, li bejnietna tinħoloq il-firda, meta mhix il-mibegħda, u minn hawn ġejjin ukoll ħafna drawwiet barranin li ftit jew xejn huma ta' ġieħ għall għażiża Artna.

Waħda minn dawn il-bixriet ta' għajb, skond il-fehma tiegħi u ta' eluf oħra, hi li bosta mix-xirkiet u għaqdiet imwaqqfin fi Gżiritna, iġibu isimhom b'ilsien ieħor.

Sa dan l-aħħar xi wħud kellhom f'rashom li l-vera kultura ta' Malta hi barranija. Dan forsi ħasbuh u qaluh għax fi żmien ilu kienu jaħsbu hekk. Dan ma jistgħux itennuh b'wiċċhom minn quddiem il-lum wara li l-Malti

rafa rasu. Dan ma jistgħux itennuh meta jiftakru li l-veri ommijietna u misserijietna ħlief bil-Malti ma kenux jafu.

Issa, li kieku l-isem b'ilsien barrani tax-xirkiet imwaqqfa f'Malta għall-Maltin, li ħafna minnhom ma jafux ħlief bil-Malti, kien jiftiehem, paċenzja!... iżda mhux talli bosta ma jaqbdu lanqas l-ewwel ħjiel tiegħu, imma sabiex juru li taparsi qed jifhmu xi ħaġa, iħassruh u jkerrhuh billi jagħtuh sura Maltija. Araw: "L'Opera della Buona Morte", sejħulha l-Opra tal-Boni Morti. Tridux tgħiduli x'jifhem il-bidwi tagħna li jinkiteb f'din l-opra bil-kelmiet "Boni Morti". Ma kienx ikun aħjar li sa mill-bidu dil-għaqda ssemmiet: "Għaqda ta' Talb għal Mewta Tajba", jew ingħatalha isem ieħor li joqrob lejn l-iskop li għandha x-xirka. Ma nsemmix ix-Xirkiet l-oħra kollha li għadhom iferfru b'isem barrani għax ma nispiċċa qatt. Dan l-eżempju għalih waħdu juri fiċ-ċar id-djufija, il-ħmerija u n-nuqqas ta' ħsieb ta' min lil xirkiet Maltin f'Malta u għall-Maltin igħammidhom b'isem mhux Malti.

X'jiħtieġ li jsir immela? Ħaġa waħda biss: "li nsewwu dan l-iżball". Dan nagħmluh billi mil-lum il quddiem ix-Xirkiet tagħna nżejnuhom b'isem Malti hekk kif jitwieldu u li dawk ix-xirkiet, li jaħasra għadhom jokorbu taħt it-toqol ta' isem barrani, ikunu mserrħa bil-bidla ta' isimhom f'isem Malti.

Issa hawn jiħtieġ li noqogħdu attenti: meta niġu biex, naqilbu isem barrani f'isem Malti, jiħtieġ li l-isem ikun tabilħaqq Malti u mhux nofs u nofs, għax inkella tinbet gażiba oħra. Inqisu għaldaqstant li ma nibżgħux inqiegħdu l-kelma maltija ħajja. Ma għandniex xi ngħidu, jekk il-kelma tkun mietet u m'hemmx aktar tama li terġa' tqum minn bejn l-imwiet, inħalluha f'qabarha, imma qabel ma ngergrulha ir-R.I.P. niżguraw rwieħna li hi tassew mejta u midfuna.

Nixtieq qabel nagħlaq inwissi li jekk min ikun sa jgħammed xi xirka Maltija ma tantx jinqala' għall-Malti aħjar li jieħu parir minn għand wieħed li l-Malti jafu sew, bħalma huma l-imseħbin fil-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Jista' wkoll jikteb minnufih lil din il-Għaqda nfisha, li hi miżmuma bħala l-Akkademja Maltija. B'hekk il-fteħim fostna jseħħ dejjem aktar u jkollna x-xorti li bħalma l-Ingilterra hi Ingliża u Franza Franċiża, Malta jirnexxilha wkoll issir tabilħaqq Maltija.

Brother Amedy

## *AIR RAID*

"Isma' s-sirena x'tgħajjat! reġa' beda' r-raid"
"U le! dik il-palomba biex tgħid li spiċċa x-xogħol.
Mn'issa m'għadniex ilsiera, sirna sinjuri lkoll.
Ejja għal ġo l-għelieqi; mill-ġmiel ma nibqgħux bgħid."

"Aħjar indabbru rasna. Dawn tagħhom. Hawn il-ħoss."
"Agħlaq għajnejk u aħseb. Dan naħal qalb il-ward.
Aħseb li qegħdin f'Mejju it-tnejn mixħutin fl-art
Ta' għar f'Had-Dingli nħarsu għall-baħar mill-rdoss."

"Resqin! ara xi dħaħen, fuqna qed jisparaw!"
"Ħallik! dina xi festa fir-raħal tagħna qrib,
Illum kulħadd daħkani, illum kulħadd ħabib,
Kull fejn għajnejna ndawru kullimkien ferħ naraw."

"Kif saffret! bomba. M'hi xejn bogħod minn haw'!"
"Taħseb xejn f'dan. B'ħeffa żunżana ttajret
Mill-ħlewwa ta' xi warda ħdejk hi tħajret,
Bħal ħbieb li wara firda 'l xulxin raw."

"Ġesù! laqtuni. Saħħa ħi! jien mitt!"
"Tibżax ċkejkuni! Mn'issa għalik is-serħ
Beda ta' dejjem. Għalik issa l-ferħ
Ta' bwar il-Ġenna illi int writt."

E. Agius.

Nifirħu bil-qalb kollha lil Dun Frans Camilleri, li x-xahar li ħareġ qaddes l-ewwel darba, u lis-Sur Karm Sant, B.A., li ġie l-ewwel wieħed fil-kors tat-Teoloġija fl-Università. Dawn iż-żewġ ħbieb tagħna, Membri Akademiċi tal-Għaqda, nittamaw li jibqgħu għaddejjin 'il quddiem għall-ġieħ tagħhom u l-ġid tal-Malti, li huma dejjem ħabbew u għożżew.

Aġent Direttur : ANT. CREMONA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil Victor Apap, Villino Schembri, Rabat jew lil K. Buttigieg, Empire Press, Il-Belt. Mal-ħlas tingħata l-irċevuta.